# Il-Mafkar il-ġdid

Istħi ja ġens li għandek qalb żonqrija,
Għaddew is-snin bħal berqa ma ċċaqlaqtx,
Saddejt widnejk, imxejt b'għajnejk mgħottija,
Insejt 'il ħutek; fihom ma ftakartx.

Ilħna qawwija mal-mewġ t'għoxrin sena
Baqgħu jitkarrbu, jheddu fl-istess ħin,
Sabiex mafkar minn ħuthom fis jinbena,
Li jsimhom jifdi mid-dlam tal-mejtin.

Mix-xefaq, sħab ta' ħerba deher u riegħed
U l-mafkar waqaf u donnu biex jistrieħ,
Sabiex il-ġens li ħaseb l-aħħar wieħed,
B'mejtin ta' żewġt iħirba dlonk jimlih.

John Sammut